MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 1114/2010

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Hermitage Kerry**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2010 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkunddannat ihallas l-ammont ta' elf, hames mija u erbgha u ghoxrin Ewro u sebghin centezmu (€1,524.70) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 1017581 u dan fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra ukoll ir-Rispostaipprezentata fit-18 ta' Otturbu, 2010 fejn l-konvenut qed jallega illi l-pretenzjoni tas-socjeta attrici kif dedotti fit-talba taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont reklamat fl-imsemmija talba mhux dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz

Illi l-konvenut permezz tal-avukat tieghu talab differiment fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2011, kif ukoll differiment fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2011, filwaqt illi fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2012 l-avukat tal-konvenut ipprezenta nota ta rinunzja. Fis-seduti ta' wara l-konvenut la deher u wisq aktar gab il-provi tieghu.

Peress illi t-Tribunal ta diversi opportunitajiet lil konvenut sabiex igib il-provi tieghu, ddikjara illi l-provi tal-konvenut gew maghluqa fl-14 ta' Mejju, 2012.

It-Tribunal iqis illi minkejja li giet ipprezentata risposta li kkontestat it-talbiet attrici dan il-kaz gie sufficjentement ippruvat mis-socjeta attrici meta xehed il-PI Peter Sammut fl-10 ta' Marzu, 2012 u fit-18 ta' April, 2012 ipprezenta d-dokumenti relattivi dwar it-talba.

Din it-talba u dawn id-dokumenti ma gewx ikkontradetti b'ebda prova minn-naha tal-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddecidi billi jilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont ta' elf hames mija u erbgha u ghoxrin Ewro u sebghin centezmu (€1,524.70) lis-socjeta attrici bl-imghax dekorribli mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------